# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22/09

**It-Tnejn 23 ta' Ġunju 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Marija Micallef – Kunsilliera
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: R. Baldacchino; Viċi-Sindku: A. Dalli Kunsilliera: S. Caruana, M. Micallef u C. Chetcuti

AĠENDA

22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

22.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

22.4 Jum il-Gudja 2025;

22.5 Applikazzjoni PA/03310/25 - Bini ta' Krematorju fil-Gudja – (Representation Letter);

22.6 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statament għas-sena 2024;

22.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

22.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja - progress
d. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
e. Proġett tal-Housing Estate - progress

22.9 Rapporti;

22.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

22.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**Minuti**
**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u għoxrin (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**22.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji;**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kien hemm ittri ta' apoloġija.

**22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 20/09 u 21/09 nem con.

**22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

22.3.1 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza li ntbgħatet mir-Reġjun Nofsinhar dwar il-ġbir ta' skart fil-ħinijiet ta' filgħaxija. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-skart jibqa' jinġabar filgħodu imma importanti li jinżamm il-ħin tal-skeda.

22.3.2 Is-Sindku propona sabiex isiru l-bollards f'Dawret il-Gudja fejn il-ħanut tal-pastizzi peress li qed iduru bl-adoċċ. Dwar dan kienn hemm qbil.

22.3.3 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li għad m'għandux risposta minn naħa tal-BCRS dwar il-permessi li kellhom jinġiebu. Is-Sindku qal ukoll li lokalita' tal-Gudja ser tkun waħda minn dawk il-lokalitajiet li ser jingħata servizz biex jibdew jinġabru l-flixken mingħand l-anzjani dirett mid-dar tagħhom.

22.3.4 Is-Sindku għamel referenza għal dik il-biċċa art fi Triq Ħal-Resqun, fen jidher li issa ġiet cleared mill-karozzi. Il-kunsilliera C Chetcuti talbet biex għalinqas tingħata ftit ħamrija fil-wiċċ biex tidher aħjar.

22.3.5 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-bankina ta' Triq San Ċiru ser isir bil-pavimentar.

22.3.6 Is-Sindku għamel referenza għall-proposta li saret dwar il-ġemellaġġ tar-raħal ta' Għajnsielem, fejn ser ġie propost biex isir ħarġa għall-Għawdex u wara nistiednuhom għal festa ta' Loreto.

22.3.7 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien daħħal ir-rapport għand il-pulizija u li kien instab is-sid. Is-Sindku qal li huwa kellmu u li kien ser jkellem lill-perit tiegħu.

22.3.8 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-kuntratt tal-van kien ġie ffirmat u li ġie ordnat minn naħa tal-kumpanija kkonċernata.

22.3.9 Is-Sindku propona sabiex bħal kull sena l-Kunsill jagħti s-somma ta' 500Ewro lil kull għaqda li jagħmlu tajjeb għal waqt il-festa ta' Santa Marija. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

22.3.10 Ġiet preżentata talba mingħand l-Għaqda Mużikali Maria Assunta biex il-Kunsill jgħin finanzjarjament fl-attivita' li tellgħu fiż-żona ta' Bir Miftuħ. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti biex il-Kunsill jgħin finanzjarjament f'kiri ta' mobile toilets.

22.3.11 Ġiet preżentata talba minn Skali sabiex il-Kunsill jgħin finanzjarjament lil din l-għaqda f'attivita' li ser titella' fejn il-Kappella ta' Bir Miftuħ. Wara diskussjoni li saret minn naħa tal-membri tal-Kunsill talab rendikont dwar kemm il-Kunsill qed jgħin lill-għaqdiet fis-sena biex b'hekk jiġi stipulat ammont fis-sena għal kull għaqda.

22.3.12 Is-Sindku għamel referenza għall-attivita' relatata mall-isport fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li l-attivita' isir nhar il-Ħadd 21 ta' Settembru – Ħadd qabel ma tibda l-iskola. L-ewwel nibdew b'quddiesa umbgħad b'attivitajiet sportivi għat-tfal. Il-Kunsill qabel ukoll sabiex jagħti rigal żgħir lit-tfal kollha li jattendu l-quddiesa.

22.3.13 Ġiet preżentata korrispondenza dwar il-kontenitur ta' żejt użat, fejn saret proposta mill-kumpanija kkonċernata biex jinbidel il-kontenitur għal wieħed tal-stainless steel. Dwar dan il-Kunsill ma qabilx li dan għandu jinbidel u b'hekk jitħalla dak li hemm fil-preżent.

22.3.14 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li f'Ottubru ser jerġgħu jibdew il-korsijiet ta' Lifelong Learning fiċ-Ċentru Santa Marija.

22.3.15 Ġie preżentat ir-rapport ta' ħidma għax-xahar ta' Ġunju 2025. Dan ir-rapport ġie preparat mill-Contracts Manager.

22.3.16 Is-Sindku għamel referenza għall-applikazzjoni tal-Komunitajiet Aktar B'Saħħithom, fejn ġie proponut li jsir tisbiħ ta' Ġnien il-Ħelsien. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

22.3.17 Ġiet preżentata korrispondenza li l-Kunsill irċieva dwar it-tieni konferenza tal-proġett Secure, liema konferenza ser isir bejn l-1 u 4 ta' Awwissu 2025 ġewwa Irig, fis-Serbja. Għal din il-konferenza jisgħtu jattendu żewġ rappreżentanti tal-Kunsill.

**22.4 Jum il-Gudja 2025;**

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-preparamenti huma lesti għal din l-okazzjoni u kif ukoll għal lejla sajfija. Is-Sindku preżenta l-kwotazzjoni tar-riċiviment, fejn il-Kunsill approva l-irħas kwotazzjoni.

**22.5 Applikazzjoni PA/03310/25 - Bini ta' Krematorju fil-Gudja – (Representation Letter);**

Is-Sindku preżenta l-ittra ta' rappreżentazzjoni għall-Applilazzjoni PA/03310/25 dwar bini ta' krematorju fil-Gudja. Il-Kunsill approva din l-ittra li ġiet ippreparata minn persuna kompetenti f'dan il-qasam. Il-Kunsill qabel unanimament li huwa kontra dan l-iżvilupp għal diversi raġunijiet.

**22.6 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statament għas-sena 2024;**

Is-Sindku preżenta l-Audited Financial Statement tas-sena 2024. Is-Segretarju nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm bdil konsidorevoli fir-rapport u kien hemm tnaqqis minimu fl-ammont ta' surplus. Is-Sindku propona sabiex dan ir-rapport jiġi approvat. Il-Viċi Sindku A Dalli ssekonda. L-Audited Financial Statement għas-sena 2024 ġie approvat minn dawk preżenti.

**22.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

22.7.1 Il-Kunsillier S. Caruana propona biex isiru bollards fi Triq Ħal-Tarxien quddiem Triq J.Gravina.

22.7.2 Il-Kunsillier S. Caruana talab sabiex il-Kunsill jitlob sabiex il-karozzi tal-linja jkunu iżgħar sabiex ikun aktar maniġibbli biex jgħaddu mill-pjazza mingħajr ma ssir l-ebda ħsara fuq il-bankina u zuntier. Il-Kunsilliera M. Micallef qalet li qed ikun diversi abbużi li l-vetturi jipparkjaw

fuq double yellow line fil-pjazza bil-konsegwenza li vetturi kbar u tal-linja jispiċċaw jitilgħu l-bankina.

22.7.3 Il-Kunsilliera C. Chetcuti qalet li llum il-membri tal-Kunsill ltagħqu mall-Kunsill ta' tfal u wrew ix-xewqa li bħala Kunsill nixtru xi beam bags biex jintużaw għal waqt il-lagħqat.

22.7.4 Il-Kunsilliera C. Chetcuti talbet sabiex jinqata' l-bużbież ta' Triq Ħal-Safi.

22.7.5 Il-Kunsillier S. Caruana għamel referenza għal un/loading tal-pjazza, fejn issuġerriexa li jiżdied il-kliem li l-vetturi ma jisgħtux jagħmlu aktarminn nofs siegħa pparkjati.

22.7.6 Il-Kunsilliera C.Chetcuti talbet sabiex minn naħa tal-Kunsill isir deroga bħal Kunsilli oħra dwar il-ħamiem selvaġġ.

**22.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Ġnien Raymond Caruana – progress
Is-Sindku nforma lil dawk preżenti dwar laqgħa li kellu mall-Ministru kkonċernat. Huwa żied jgħid li huwa nfurmah li l-art li qed isir mhux sodisfaċenti sabiex tittieħed azzjoni dwar dan. Għall-laqgħa kien hemm preżenti l-kuntrattur u l-perit inkarigat. Is-Sindku qal li huwa ssuġġeriexxa li jsir xi tip ta' resin biex jinqala' l-wiċċ. Ħa jsir sample biex naraw kif ser ikun qed jidher bir-resin. Is-Sindku qal ukoll li x-xogħlijiet simili li saru f'irħula oħra huma ferm u ferm aħjar minn dak li qed isir fil-ġnien. Inbeda xogħol wkoll fit-turġien bl-irħam u bdew id-dawl ukoll. Il-Kunsilliera C. Chetcuti proponiet sabiex Triq San Mark tingħalaq it-triq għal ċertu ħin matul iż-żminijiet ta' sajf sakemm jitlesta l-proġett tal-Ġnien R.Caruana. Dan sabiex ikun hemm spazju miftuħ biex jkollhom fejn jilagħbu.

b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress

Ġiet preżentata Change Request tal-Miżura 4.4 sabiex il-kuntratt jiġġedded sal-aħħar ta' Settembru 2025.

c. Miż 4.3 – Toroq Rurali – progress

Ġiet preżentata Change Request tal-Miżura 4.3 sabiex il-kuntratt jiġġedded sal-aħħar ta' Settembru 2025.

d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progres

**28.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 13/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera Maria Micallef u sekondata mill-Kunsilliera Claire Chetcuti għall-ammont totali ta' €67,792.70 u ġiet approvata nem con.

**20.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fit-tmienja ta' filgħaxija (8:00pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 21 ta' Lulju2025 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it - Tnejn 21 ta' Gunju 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv